# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## Deċiżjoni Numru 2406

Każ Nru: 3122 / ET

Fil-Kwistjoni tax-Xogħol bejn

Maria Dolores Grima (ID 581157M)

u

Malta Memorial Distinct
Nursing Association (MMDNA)

Illum : 17 ta' Settembru, 2015

*dwar: tkeċċija mill-impjieg allegata li hi nġusta*

CHAIRMAN: Is-Sur Edmund Tabone M.A., B.A. (Hons), Dip. Mgt

**Introduzzjoni**

Dan il-każ ġie ntavolat permezz ta' rikors mill-avukat Dr. Chris Cilia fit-23 ta' April 2013 u tkompla mill-avukat Dr. Aron Mifsud Bonniċi. Dan il-każ bdietu ċ-Ċhairperson is-Sinjura Joan Haber fil-11 ta' Ġunju 2013 u li tkompla mis-Sur Edmund Tabone fis-16 ta' Jannar 2014.

Fir-rikors ġie allegat li r-rikorrenti kienet kostretta titlob ġurnata vacation leave, lis-soċjeta' ntimata minħabba emerġenza gravi fil-familja, iżda din it-talba ġiet inġustament irrifjutata u fiċ-ċirkostanzi r-rikorrenti ma kellha l-ebda għażla oħra għajr li tirreżenja mill-impjieg biex tkun tista' tattendi għal emerġenza serjissima. Illi sessegwentament ir-rikorrenti talbet lis-soċjeta' ntimata biex tkun tista tissokta l-impjieg tagħha iżda t-talba ġiet irrifjutata.

Illi dawn iċ-ċirkostanzi jammontaw għal 'constructive dismissal' u t-terminazzjoni ta' l-impjieg ma kienetx għal raġuni ġusta.

Għaldaqstant fir-rikors ir-rikorrenti talbet li t-tmiem ta' l-impjieg jammonta għal 'constructive dismissal', li terġa tingħata l-impjieg lura, bl-istess kundizzjonijiet jew tingħata kumpens xieraq.

Da parti tagħha, s-soċjeta' ntimata permezz ta' l-avukat Andrew Borg Cardona, ddikjarat li s-soċjeta' mxiet skond d-drittijiet tagħha u li kienet ir-rikorrenti li għażlet li tirreżenja u mhux tkeċċiet u li fiċ-ċirkostanzi l-imġieba tar-rikorrenti timmerita li t-Tribunal jikkonferma t-tmien ta' l-impjieg tagħha filwaqt li jiġi nnotat li s-soċjeta' lanqas fittxet għan-'notice money' meta kellha kull dritt tagħmel dan.

## Fatti

Ir-rikorrenti kienet impjegata fuq bażi ndefinita mas-socjeta' ntimata fil-24 ta' April 2012 bħala Health Carer. Kienet taħdem madwar 30 siegħa fil-ġimgħa.

Illi t-tifla tar-rikorrenti kienet tqila u kienet waslet beix twelled. It-tifla kienet diġa għaddiet minn traġedja għax fi twelid qabel kienet mititilha tarbija ta' ħames siegħat. Illi fil-21 ta' Jannar 2013 il-bint iddaħħlet l-isptar għax ħasbet li se jibda l-ħlas u hawn ir-rikorrent ukoll talbet biex ma tidħolx xogħol fil-4pm. Il-ħlas ma riżultax u l-bint nbagħtet lura u r-rikorrent daħlet għax-xogħol.

Illi fit-22 ta' Jannar 2013 bint ir-rikorrenti, Josefa Falzon, iddaħlet l-isptar Mater Dei fl-12:30am u r-rikorrenti żammitilha ż-żewġt it-tfal ta' erba' snin u ta'sentejn. Għal ħabta ta' 4a.m., , Joseph Falzon, ir-raġel ta' bint ir-rikorrenti, ċempel lir-rikorrenti biex tmur l-isptar bit-tfal. Wara li r-rikorrenti waslet l-isptar bit-tfal, Joseph Falzon ħareġ jibki mill-kamra fejn kienet kif għada kif twieldet it-tarbija u qal lir-rikorrenti li t-tarbija kellha kumplikazzjonijiet u li nbagħtet l-ITU tat-tfal. F'dawn iċ-ċirkostanzi, r-rikorrenti ċemplet lis-soċjeta' biex ma tidħolx xogħol.

## Provi

F'dawn il-proċeduri xehdu r-rikorrenti, s-Sur Anthony Attard – Direttur MMDNA, Ms Ċettina Attard – Principal Deputy District Nursing Officer, Ms Carmen Cachia – Principal Nursing Officer u Ms Josefa Falzon – bint ir-rikorrenti. Ġew ukoll esebiti xi dokumenti.

## Kunsiderazzjonijiet

Dan it-Tribunal għandu biex jikkunsidra ċ-ċirkostanzi li wasslu għat-tmiem ta' l-impjieg tar-rikorrenti. Fid-dikjarazzjoni tal-każ tagħha r-rikorrenti qalet li ma kellha l-ebda xelta ħlief li tirreżenja biex tattendi għal l-emerġenza.

Is-soċjeta' ntimata fir-risposta tagħha sostniet li r-rikorrenti għażlet li tirreżenja u mhux tkeċċiet.

It-Tribunal mill-fatti u provi esebiti jemmen, li fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ, il-preżenza tar-rikorrenti mal-bint fil-ħinijiet imsemmija kienet ġustifikabbli.

Is-Soċjeta' ntimata kienet taf biċ-ċirkostanzi u allura l-qofol tal-każ jikkonċerna d-diskors, il-ħinijiet, l-attitudini u l-bona fede taż-żewġ partijiet meta ntalab il-leave u meta r-rikorrenti rreaġixxiet b'riżenja. Ukoll l-istanza tas-soċjeta' ntimata meta skond ir-rikorrenti kien hemm talba (Dok A) fit-2 ta' Frar 2013, biex is-soċjeta' ntimata tinjora r-riżenja.

Fix-xhieda ta' Anthony Attard dan qal li r-rikorrenti ċemplet fit-22 ta' Jannar 2015, biex titlob ġurnata leave fis-06:25a.m. Hu qal li suppost ċemplet fis-06:00a.m. Qal li fis-06.25am kien tard wisq biex issib lil ħaddieħor flokha. Qal li t-telefonata ħaditha Cettina Attard- Deputy P.N.O. li għaddietha lil P.N.O Hu qal li l-ewwel reazzjoni hi li tgħid le. Kien hemm ħafna sick leave u kien sar il-ħin.

Il-P.N.O., Carmen Cachia qalet lir-rikorrent, dawn 'x-affarijiet dawn' u nqgħatet il-linja. Ir-rikorrent reġgħet ċemplet u qal li qaltilha jien daqshekk aqtawni mil-lista. Meta ċemplet it-tieni darba ma ftakarx min kellimha. Is-Sur Attard qal ukoll li qatt ma naghta t-talba (Dok A) biex ir-rikorrenti tmur lura.

Ċettina Attard xehdet li ma emmnitx lir-rikorrenti li binta li ħa twelled ġieha l-ilma u bagħtuha d-dar fil-21 ta' Jannar 2013. Meta r-rikorrent ċemplet għal 'urgent leave' fit-22 ta' Jannar 2013, Attard qaltilha li l-każ tagħha mhux urgent leave avolja t-tarbija kienet fl-ITU tat-trabi u li kien hemm min jieħu ħsieba sew l-isptar, apparti li kienet ċemplet tard.

Fil-kontro eżami l-Avv. Aron Mifsud Bonniċi argumenta li Attard kienet mismuta lejn ir-rikorrenti għax ma emmnitx li l-tifla ġieha l-ilma u bagħtuha d-dar ġurnata qabel.

Carmen Cachia xehdet li l-ħaddiema kienu avżati li jċemplu sas-06:15am fuq bżonn ta' sick leave u leave urġenti. Qalet li għas-06:30am ċemplet ir-rikorrenti fit-22 ta' Jannar 2013 għal urgent leave. Ħadet it-telefonata Cettina Attard. Ir-rikorrent, skond ix-xhud, infurmat lil Attard li mhux dieħla. Attard żżaamitha fuq il-linja biex jiddiskuta l-każ u meta Attard marret biex tkompli tkellem lir-rikorrenti ma kien hemm ħadd fuq il-linja. Ix-xhud qalet li r-rikorrenti kienet qalet lil Attard li kienet fil-labour ward mat-tifla. Fuq domanda taċ-Chairman li jekk tieħux in-konsiderazzjoni li xi ħadd għandu t-tifla fil-labour ward bħala 'emergency leave ix-xhud wieġbet 'mela le Sur Chairman'.

Cachia qalet li meta reġgħet ċemplet ir-rikorrenti qaltilhom biex jaqgħtuha mill-lista. Qalet li wara r-rikorrenti rritornat l-affarijiet kollha tas-soċjeta' u ffirmat it-termination form li rreżenjat. Ix-xhud qalet li r-rikorrenti kienet qaltilhom li tixtieq tidħol lura meta ġiet tiffirma t-termination form.

Fil-kontro-eżami x-xhud ma ftakritx li Attard qalet lir-rikorrenti li fl-opinjoni tagħha (ta' Attard) il-każ mhux urġenti. Ftakret biss li qatgħet it-telephone. Ix-xhud qalet li kien hemm każijiet fejn min talab xi leave ta' urġenza qatha t-telephone. Normalment wara kienu jitranġaw l-affarijiet. Ix-xhud qalet li kieku r-rkikorrenti me reġgħetx ċemplet biex naqtawha mill-lista probabbli li konna nitkellmu wara u nirranġaw.

Meta xehdet ir-rikorrenti qalet li Cettina Attard mill l-ewwel ma emnitiex li fil-21 ta' Jannar 2013, reġgħu bagħtu lil binta d-dar.

Fit-22 ta' Jannar 2013 ir-rikorrenti qalet li dejjem kellha l-intenzjoni li tidħol xogħol tant li ħadet l-uniformi u d-diary magħha l-isptar. Fil-05:30am ir-raġel ta' binta nfurmha li l-baby kellu kumplikazzjonijiet. Ħasbet li ħa terġa tagħddi minn mewt ta' tarbija oħra. Qalet li ppruvat iċċempel l-uffiċju tas-soċjeta mill-05:30 s 06:00 imma ma rrisponda ħadd. Qalet li fis-06:05am weġbitha Ċettina Attard. Din qaltilha li ma jinteressaħiex u li ma tista tagħmel xejn. Kienet dieħla għax-xogħol imma reġa ġie r-raġel ta' binta u li l-baby ħaduħ l-ITU u reġgħet ċemplet u qalet lil Attard 'jiddispjaċini minix dieħla xogħol u ma nistax nagħmel mod ieħor'. Dan apparti li kienet, skond hi, għajjiena ħafna. Ir-rikorrent kompliet tixhed li l-erbgħa 23 ta' Jannar 2013 ċemplet lis-soċjeta u kellmet lil Cachia u qaltilha 'x'ħa nagħmel, ġejja ħa nidħol xogħol'. Cachia qaltilha li le Doris ma ninpjegawx nies hekk'. Ix-xhud qaltilha li Attard ma kienx sew li qaltilha li ma jinteressaħiex milli kien qed jiġri. Cachia wieġbet li ma kienetx taf x'intqal u ħallietha b'hekk. Meta marret biex tiffirma t-termination form staqsiet biex tkellem lil Cachia imma s-segretarja qaltilha li kellha meeting. Ir-rikorrenti ppreżentat ċertifikati li juru diffikultajiet li kellha binta fit-tqala ta' qabel. Qalet li damet għaxar xhur bla xogħol.

Qalet li meta Attard qaltilha li ma jinteressaħħiex ir-rikorrenti kkonkludiet li keċċieta. Qaltilha 'ma tistax ma' tiġix'. Qalet li meta qalet mhux sejra xogħol kienet qed tirreferi għal dik il-ġurnata biss. Qalet li mhux veru ċemplet tard għax fis-06:05am ċemplet.

Fl-aħħar xehdet it-tifla tar-rikorrenti Josefa Falzon li spjegat it-tqala u kif riedet l-ommha ħdejha l-isptar anke biex toħdilha ħsieb iż-żewġt it-tfal. Qalet li ommha ġabet l-uniformi tax-xogħol ħalli jekk tkun tista tibqa sejra x-xogħol.

Fit-trattazzjoni finali r-rikorrenti sostniet li la kellha l-intenzjoni li tirriżenja u wisq anqas qalet illi qed tirreżenja. Id-diskors li mhux dieħla xogħol ġie miftiehem li mhux dieħla xogħol iktar li ma kienx il-każ. Kien żgur li r-rikorrenti ma kelliex xogħol ieħor jistenniha.

Fit-trattazzjoni tagħha s-soċjeta' ntimata spjegat kif impjegat m'għandux dritt jirrejaġixxi kif għamlet ir-rikorrenti. Illi dan mhux każ ta' tkeċċija u mpjegat ma' jistax jagħmel li jrid imbgħad jgħid li ġie mkeċċi. Kienet ir-rikorrenti li għażlet li ma tmurx aktar għax xogħol. Imbgħad biddlet l-ideja, imma ma' l-employer m'għandux jitqies li keċċa lil xi ħadd.

Dan permess, it-Tribunal jikkonsidra li:

It-Tribunal evalwa bir-reqqa ix-xhieda u l-provi miġjuba u jemmen li r-rikorrenti kienet ġenwina fiċ-ċirkostanzi prekarji umanitarja tal-kaz.

Is-soċjeta' ntimata, parikolarment Ms Ċettina Attard ma aġġixxietx b'mod sew mar-rikorrenti. Ma kienetx professjonali u l-każ li tfaċċat biħ kien jistħoqlu ferm aktar raġuni u serjeta. Il-każ u ċ-ċirkostanzi kienu serji li jsarfu f'raġuni bla dubju ta' leave ta' emerġenza u għat-Tribunal ħareġ car li kellu jkun hemm aprovazzjoni tal-leave b'urġenza nhar it-Tlieta 22 ta' Jannar 2013.

Ms Carmen Cachia ukoll uriet nuqqasijiet serji kif aġixxiet mar-rikorrenti u x-xhieda ta' dawn iż-żewġ uffiċjali għoljin tas-soċjeta' ntimata kellha lakuni konsiderevoli.

Joħroġ ċar li r-rikorrenti ma kellha l-ebda ntenzjoni li tirreżenja għalkemm kliema setgħa ġie miftiehem hekk. Jidher li ż-żewġ uffiċjali msemmija ħadu kull opportunita' biex imexxu r-riżenja. Ir-rikorrenti, persuna mhux żgħira fl-eta u b'familja kbira għamlet għaxar xhur bla xogħol.

**Deċiżjoni**

Dan it-Tribunal qed jiddeċiedi li t-tmiem ta' l-impjieg tar-rikorrenti, fit-totalita' tiegħu, kien wieħed inġust u għaldaqstant għandu jingħata kumpens ta' tlett elef euro (€3,000).

It-Tribunal mhux jilqa' t-talba li r-rikorrenti tingħata x-xogħol lura.

Dan il-kumpens għandu jitħallas mis-soċjeta' ntimata fi żmien xahar mid-data ta' din id-deċiżjoni.

Għal finijiet tal-kap 452 tal-liġijiet ta' Malta rigwardanti d-drittijiet tad-difensuri tal-partijiet, dwan qed jiġu ffissati fl-ammont ta' tlieta u disgħin euro u sbatax €93.17.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xogħol.

**Iffirmat:** **Edmund Tabone M.A., B.A. (Hons), Dip.Mgt**
**Chairman**

Vera kopja

Mary Rose Galea
A/Segretarja